# ŻMIEN MODERN

*Ta'* TREVOR ZAHRA

Nixtieq immur x'imkien
Fejn ninsa d-dinja
Għaġġiela, ta' madwari,
Ninsa s-seklu għoxrin,
X'imkien imwarrab fejn daż-żmien qerriedi
Għad ma firixx ġwenħajh fuq il-bnedmin!

Fejn? Għiduli fejn se nsibu
Dan il-qgħad ta' sliema.
Mort f'xatt il-baħar,
Fejn dari kien hemm hena tas-smewwiet,
Għjat maħnuq, u daqq ta' radjijiet.

Mort qalb ir-raba'...
U fittixtu ż-żiemel
Ikarkar il-moħriet mas-sid,
U floku sibt muturi kollha ħsejjes:
"Għax dan hu żmien modern —
Dan seklu ġdid!"

U tlajt fuq l-ogħla għolja
Biex hemm ninqata' mill-"modern"
U nfittex is-serħan:
Iżda fuq rasi — donnu biex tisboqni,
Għadda t-tehdida jkarwat l-ajruplan.

Fejn? Fejn se nsibu dan l-imkien ta' Sliema?
"Fil-Mewt!"
Le, lanqas fil-mewt ma neħles
Mill-moderniżmu tal-bnedmin,
Għax flok jeħduni f'qabri b'erba żwiemel
Jeħduni ġo karozza ġdida tal-mejtin.

* * *

Is-Sur Pawl Aquilina, li joqgħod "Massabielle", Dr. Nicola Zammit St., Siġġiewi, kitbilna hekk:

"Fil-kollezzjoni tal-150 ktieb tal-Mogħdija taż-Żmien ta' Alfons Maria Galea, jonqsuni dawn in-numri ta' kotba li nixtieq nixtri jew nibdel mad-duplikati li għandi:

Jonqsuni: 8, 11, 45, 82, 89, 133, 143, 144, 145.

Duplikati: 25, 26, 33, 36, 37, 50, 52, 57, 58, 70, 79, 85, 94, 102, 105 (2).

Min hu interessat jiktiblu fl-indirizz imsemmi hawn fuq.